

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 381/03)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Lussemburgu

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' żewġ euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fiħ disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Lussemburgu

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: It-twelid tal-Prinċep Charles

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri fiċ-ċentru r-rappreżentazzjoni tal-Prinċep Charles kif ukoll ix-xbihat tal-ġenituri tiegħu, l-Altezzi Rjali Tagħhom il-Gran Duka Eredi Guillaume u l-Gran Dukessa Eredi Stephanie. Taħt dawn ix-xbihat, it-test "S.A.R. de Prënz Charles" (l-Altezza Rjali Tiegħu l-Prinċep Charles) huwa segwit mid-data tat-twelid "10 ta' Mejju 2020". Fuq ix-xellug, tidher vertikalment il-kelma "LËTZEBUERG" bħala l-indikazzjoni tal-pajjiż emittenti. Il-monogramma (l-ittra "H" b'kuruna) hija rappreżentazzjoni tal-Gran Duka Henri.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 500 000

Id-data tal-ħruġ: Diċembru 2020

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).